Imħallef :

5 ta' Mejju, 1947.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ugo Pace et.

**Passiġġieri — Aerodrome — Appell — Reg. 10 tal-"Public Health (Aircraft) Regulation, 1946" — Art. 133 tal-Kap. 59 — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 623 ta' l-1946.**

*Każ fejn ġie ritenut illi l-imputati, li kienu ġew kundannati mill-Qorti tal-Maġistrati talli ħarġu barra mill-limiti ta' l-aerodrome qabel ma ħadu l-pratika wara li kienu passiġġieri ta' ajruplan, ma setgħux jappellaw minn dik id-deċiżjoni, għar-raġuni illi dik il-kontravvenzjoni kienet taqa' taħt kategorija ta' kontravvenzjonijiet li fil-każ tagħhom il-liġi relativa ma tagħtix dritt ta' ap-*

*pell. U għalhekk l-appell magħmul mill-imputati ġie dikjarat irritu u null.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-20 ta' Marzu 1947, l-imsemmijin Ugo Pace, Evellina Pace u Mary Pace, ġew misjuba ħatja talli ħarġu barra mill-limiti ta' l-aerodrome f'Ħal Luqa, qabel ma ħadu pratka wara li kienu passiġġieri ta' ajruplan, u ġew kundannati għall-piena ta' £1 multa kull wieħed;

Trattat l-appell ta' l-imputati, din il-Qorti kkunsidrat;

L-imputazzjoni hija taħt ir-regolament numru 10 tal-Public Health (Aircraft) Regulations 1946 (Govt. Notice 628 ta' l-1946);

Dawn ir-regolamenti ġew magħmulin bis-saħħa ta' l-art. 39 u 45 tal-Kap. 59. L-art. 47 hu wkoll applikabili għall-każ. Issa dawn l-artikoli kollha huma mqiegħda fl-ewwel parti tal-Kap. 59. Issa l-art. 133 ta' l-istess Kap. 59 jgħid li ma jingħatax appell minn deċiżjonijiet mogħtija taħt l-Ewwel Parti, ħlief f'xi eċċezzjonijiet li ma jgħoddux għal dan il-każ;

Għalhekk s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, b'liġi, ma hijiex appellabili. Konsegwentement l-appell hu dikjarat irritu u null.